# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 46

**It-Tnejn, 7 ta' Frar, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku (ċerman) |
| Is Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| Is Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |

Membri tal Publiku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is Sa Maria Mifsud (MM) Kunsillier

**ASSENTI:**

NIL

**UFFIĊJALI PRESENTI:**

Is Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sa Doreen Mintoff – Accountant tal-Kunsill

Is-Sindku ppresjeda.

## 46.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

46.01.01 (SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittra t'apoloġija, mingħand il-kunsilliera (MM). Il-Kunsill laqa' din it-talba, u approvaha.

## 46.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 45)

46.02.01 (SZ) irrimarka li f' punt (45.07.01) il-kelma (iddeċieda), fl-ewwel vers trid tinbidel u ssir taqra 'ippropona', filwaqt li fl-aħħar vers tal-istess paragrafu jinbidlu l-inizzjali (CS) u minflokk tiġi taqra 'il-membri preżenti'. Tinbidel ukoll il-kelma 'wissiet' għal 'ġibdet l-attenzjoni', filwaqt li tiżdied sentenza li tgħid: (SZ) issekonda din id-deċiżjoni.

46.02.02 (SZ) irrimarka li f' paragrafu (45.08.04), rigward is-sistema tal-irrigazzjoni fi Ġnien Indipendenza, hu kien għamel il-punt li "dan ix-xogħol ser isir minn Parks Malta".

Prop (JBD) Sek (AC)

## 46.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

46.03.01 (SC) staqsa jekk kienx hemm xi punti biex jitressqu fuq l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Ħadd mill-membri preżenti ma kellu l-ebda oġġezzjoni, u għaldaqstant kemm l-iskema tal-pagamenti, kif ukoll il-petty cash, ġew approvati mill-Kunsill.

Prop (AC) Sek (CS)

## 46.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

46.04.01 (SC) ippreżenta dawn il-kwotazzjonijiet:

1. Siġra mejta f'Bengħisa –(SC) qal li ntbagħtu għal diversi kwotazzjonijiet u kien hemm tliet risposti fejn wieħed mill-ġardinara ma jagħmilx dan ix-xogħol. (AC) staqsa jekk l-orħos offerta kinitx tinkludi t-tħaffir tal-ħofra u it-tħawwiel tas-siġra. Dan kien ikkonfermat u għaldaqstant intgħażlet kwotazzjoni (D) għall-prezz ta' €185.00. (AC) irrimarka li hemm siġra nieqsa fuq il-prominade kif toħroġ minn Triq San Mikiel biex flok nixtru siġra waħda, nixtru tnejn. (SC) qal li diġà għandna siġra. (AC) rrimarka wkoll

li kien hemm bank imkisser. (SC) irrisponda li hemm il-kwotazzjoni tal-aħħar seduta, biex jiġi sostitwit.

2. Heaters għall-istaff tal-uffiċċju - (SC) ippropona li mmorru għall-kwotoazzjoni (B) tal-marka Bimar għal prezz ta €62.91. (JF) sostna li m' hemmx il-ħtieġa ta' heater minħabba li hemm l-arja kkondizzjonata. (SE) qalet li kellha heater fl-uffiċċju u inħarqitlu l-plakka tiegħu, u mbagħad kien hemm talba għal wieħed simili, mill-iskrivani.

3. Laminating Machine - (SC) ressaq il-kwotazzjonijiet tal-laminating machine. (SE) informat li l-laminating machine li kien hemm, inħarqet meta kien daħal l-ilma minn pipe tal-airconditioner, fejn kienet din il-magna. Intgħażlet kwotazzjoni (Ċ) għal prezz ta' €106.20.

4. Uniformijiet għas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-uffiċċju - (SC) ressaq il-kwotazzjonijiet tal-uniformijiet għas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-uffiċċju. (SE) spjegat li l-valur tal-ewwel kwotazzjoni u li hi ta' materjal tajjeb, hija orħos minn dik tal-uniformijiet li nxtraw fis-sena 2018, minn fuq l-internet. Għaldaqstant intgħażlet l-ewwel kwotazzjoni għal valur ta' €1,912.93. (AC) irrimarka li kien issuġġerixxa li jinxtraw ingravati għall-kunsillieri kollha bl-arma tal-Kunsill. (SC) u (JBD) issuġġerew li jinxtraw badges bil-pin flok ingravati

5. Dog Bins tal-plastic - (SC) ressaq il-kwotazzjonijiet għal Dog Bins, fejn minn seba' kwotazzjonijiet, kien hemm żewġ kumpaniji biss li jipprovdu dan il-prodott. Minn bejn dawn iż-żewġ kumpaniji, intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għall-ammont ta' €188.80. Għalkemm il-kwotazzjoni (F) kienet l-orħos waħda, id-dog bins ma kinux jingħalqu kompletament u peress li l-bins ser tintużaw għall-ħmieġ tal-klieb, mhumiex addattati. (JB) issuġġerixxa li jsir inventarju tal-bins u fejn qegħdin. (SC) qal li ser issir mappa u jikkordina mal-foreman biex jiġu mmarkati fuq din il-mappa.

6. Sistema ta' Drip Irrigation għall-Misraħ San Ġorg Preca - (SC) ressaq il-kwotazzjonijiet fejn irrimarka li l-kwotazzjoni (E), li hi ogħla mil-kwotazzjoni (F), hija aktar ta' kwalità tajba. Għaldaqstant intgħażlet il-kwotazzjoni (E) għall-prezz ta' €336.00.

7. Elmein lift telephone – (SC) Irrefera għall-kwotazzjoni ta' telephone fil-lift li hi obbligatorja għall-Health and Safety. Il-kwotazzjoni tal-Elmein lifts biex jissupplixxi sistema ta' GSM phone u ċippa tal-GO Plc., tammonta għal €576.20 (Elmien Lifts €432.20 u GO Plc €144.00 fis-sena). Il-Kunsill approva dan il-ħlas.

## 46.05 Rendikont tar-rapport finanzjarju annwali, 2021

*Is Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online mis-sitta u nofs u ħamsa sas-sebgħa nieqes għaxra ta' waranofsinhar.*

46.05.01 (DM) spjegat li l-Financial Report huwa mirror image tal-quarterly report. (SC) staqsa lil (DM) jekk kienx hemm highlights min-naħa tagħha u hi rrispondiet li ma kienx hemm. (SC) staqsa rigward l-FSI u (DM) irrispondiet li dan qiegħed tajjeb ħafna u inqas minn għaxra fil-mija, minħabba li ntefqu inqas milli kien ġie baġitjat fis-sena 2021. (AC) staqsa jekk dak li kien ibaġidjat u ma ntefaqx, u jekk jiġi minfuq f'ewwel tliet xhur tas-sena, x'jiġri? (DM) irrispondiet li ma tagħmilx differenza u l-importanti hu li l-FSI jibqa' 10%. Spjegat li minn €8,000.00 sa €10,000.00 jistgħu jintefqu u jekk issiru applikazzjonijiet għal xi fondi, jistgħu jintefqu aktar flus, diment li l-fondi jilħqu jidħlu sal-aħħar tas sena. (DM) staqsiet jekk hemmx xi mistoqsijiet oħra imma ma kienx hemm.

<u>Prop (SC)</u> <u>Sek (SZ)</u>

## 46.06 Komunikazjoni mis-Sindku

46.06.01 (SC) Avvża li l-Kunsill kien fit-tieni fażi li jeqleb għas-sistema onlajn tal-permessi. Hu qal lis-sistema tagħmel ħafna sens u tajba, imma għad fiha ċertu bugs li qed jiġu indirizzati, u l-Customer Care tal-Kunsill għadhom qegħdin fil-fażi li qed jipprattikaw fuq is-sistema. Is-sistema hi magħmula li t-tariffi huma ugwali ma' Malta u Għawdex kollu. Hemm problema fejn jidħlu tariffi tal-permessi tal-ground, minħabba li fil Bye-Law mhux qeda ċara kemm hi r-rata. (SE) irrimarkat li s-sistema tipprovdi l-kumdità li r-residenti jistgħu japplikaw għall-permessi mill-kumdità ta' darhom. (AC) staqsa meta jekk wieħed japlika għal permess, x'ħin jiġi approvat? (SC) wieġeb li meta wieħed japplika għal permess, il-Kunsill jirċievi email jew notifika u dan jiġi pproċċessat u approvat bejn it-tmienja nieqes kwart u s-sagħtejn ta' waranofsinhar. Kif jiġi approvat, l-individwu jirċievi email, u jkun jista' jipprintjah. (SE) iċċarat, li l-applikazzjoni tista' ssir matul l-erbgħa u għoxrin siegħa tal-ġurnata, imma jiġi approvat fil-ħin tal-uffiċċju u kif jiġi approvat, il-flus jinġibdu għal ġol kont. (JF) staqsa kemm ser ikunu t-tariffi. (SC) sostna t-tariffi huma ugwali ma' Malta u Għawdex kollu. (JF) ilmenta li jekk il-persuna mhux ser tagħlaq it-triq, din ma għandiex tħallas għall-permess. (SZ) ikkonferma li applikazzjoni għal permess ġo parking bay ma' jħallasx. (SC) qal li ser jikkonferma rigward it-tariffi, u jekk ikun hemm il-bżonn, inressqu ilment.

46.06.02 (SC) rigward Triq Ferdinand Sufflesser - ġejna infurmati minn IM, li ser jagħmlu x-xogħol huma, imbagħad jinbgħatu l-kont lil WSC, imma baqgħa ma sar xejn. (SZ) żied, li minkejja li rċievejna korrespondenza f'Lulju li għadda, tpoġġew żewġ barriers tal-plastic u baqgħa kollox kif kien. (SC) qal li din hija triq dejqa u ta' periklu u qed isir follow up fuq dawn ix-xogħlijiet.

46.06.03 (SC) informa li saret laqgħa importanti, fuq ir-Regional Waste Collection tender, fejn il-maniġer mil-qasam tar-Reġjun ser jiltaqgħa magħna fil-jiem li ġejjin biex nagħtu s-

suġġerimenti tagħna fejn jidħol it-tender. Hu sostna li qed jara li ser ikun hemm problema, fejn, biex ikun konformi, il-kuntratturi ser tinħolqilhom pressjoni kbira fuq ir-riżorsi umani, biex jimmaniġjaw il-ħaddiema ħalli jkunu jistgħu jonoraw il-kuntratti tar-Regional Waste. Hu żied li jistgħu jinħolqu problemi, fejn jekk ser jgħaqduna ma' lokalitajiet oħra fir-Reġjun, ser ikun hemm problema fil-ġbir tal-iskart. (JB) qal li jekk ikun hemm il-bżonn, isiru oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill. (SE) fakkret lil Kunsill li għad irridu nirċievu l-PMC, fejn kull Kunsill jista' jressaq il-proposti u l-oġġezzjonijiet tiegħu. (SZ) semma' l-proġett tal-iStreet Lightning immaniġjat min-naħa tar-Reġjun, fejn qal li ma għandux x'jaqsam xejn mal-ġbir tal-iskart u fejn jaf ikun hemm ħin twil li fih jista' jinġabar l-iskart. (SE) qalet li l-kuntratturi jridu jinvestu f'inġenji ta' ċertu standard u jkollhom data tracking system li bih ikunu jistgħu jiġu segwiti. (SC) qal li qed jara problema li ser jiffaċċjaw bħala lokalita'. (JB) qabel mas-Sindku u sostna li jekk ikun hemm il-bżonn jieħdu parir legali.

46.06.04 (SC) semma l-kwistjoni tal-permess tal-bini fil-Qajjenza biswiet Għar Friefet, fejn il-kuntrattur beda x-xogħlijiet mingħajr commencement notice mil-BCA. Il-Kunsill mill-ewwel ressaq l-ilment mal-PA, ERA, BCA u mal BRO u dan twaqqaf mill-ewwel. Il-PA talbitu mill-ewwel biex jirranġa l-pożizzjoni tiegħu, għax kiser il-kundizzjonijiet tal-buffer zone ta' ħdejn Għar Friefet. Il-Kunsill informa mill-ewwel lil SCH, fejn kien hemm monitoring min-naħa tagħhom, u bħalissa qed nistennew l-esodu biex il-bini ikun konformi ma' dak li ħareġ mill-PA. Hu qal ukoll li qed nistennew il-way forward mil-BCA ta' kif ser jitkompla x-xogħol u l-work commencement statement ta' kif ser ikompli.

46.06.05 (SC) talab għal opinjoni tal-kunsilliera rigward il-Girgħien Developement Brief ta' 20% development role u li hi problema ta' policy. Hu issuġġerixxa li tintbagħat ittra lil Ombudsman. (SZ) qal li fil-Qajjenza hemm każ simili, fejn hemm aktar minn sitt sidien involuti u mhumiex jaqblu kif ser inqasam il-persentaġġ. (SC) staqsa jekk għandiex issir oġġezzjoni formali u titressaq għand l-Ombudsman. (AC) sostna li l-Kunsill għandu jiddeċiedi fejn ikun it-20%, u mhux is-sidien. (SE) ġibdet għall-attenzjoni, li għal kull oġġezzjoni, il-Kunsill qed jispiċċa jħallas €700.00. Madankollu, il-kunsilliera qablu li jkunu lesti li jħallsu.

46.06.06 (SC) qal li ser tintbagħat reminder lil kumpanija Faces rigward il-Bus Shelters. (SE) ser tkun qed tkompli taħdem fuqa.

46.06.07 (SC) irrimarka li lis-slipway ta' Wied il-Buni reġgħet imtliet bir-ramel. (AC) qal li ħa jagħmel follow-up ma' IM, fuq din il-problema. (SZ) informa li l-problema hi li, lis-slipway saret fuq sieq waħda u li kien hemm raġuni valida għalfejn saret hekk. (JF) qal li din kien involut fiha hu u l-ġebel imissu ġie ppustjat mill-għaddasa.

46.06.08 (SC) avvża li kif kien mitlub fis-seduta ta' qabel rigward il-proġett ta' Dawret Il-Qalb Imqaddsa, ikkonferma li issa ser isir sal-latrina ta' San Ġorġ. (JBC) staqsiet, jekk issa, li l-proġett beda, dan kienx ser jaffettwa l-Monti ta' kull nhar ta' Ħamis. (SC) ikkonferma li l-Monti mhux ser jiġi affettwat.

## 46.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

46.07.01 Is-Sindku ta spjegazzjoni lil membri preżenti, fir-rigward iċ-Ċirkulari (MFER/51/2021) dwar l-Expression of Interest – Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits. Din l-inizjattiva hija mmirata, sabiex tippromwovi x-xjenza, permezz tal-logħob, u li għanda tkun implimentata f' postijiet b' aċċess pubbliku, bħalma huma l-Playing fields. Għal lokalità tagħna, ssuġġerixxa li ssir, fil-bandli, fiż-żona Tal-Papa.

Il-membri kollha tal-Kunsill, qablu ma' din l-inizzjattiva, u flimkien iddeċidew, sabiex il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni tiegħu. Il-viċi Sindku ser tkun il-persuna responsabbli, minn dan il-proġett.

## 46.08 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tal-iskrivani/ Segretarju Eżekuttiv u d-Deputat, Segretarju Eżekuttiv

46.08.01 (SE) infurmat li mal-Performance Appraisal tal-iskrivani żiedet il-Performance Allowance ta' Sa Elisa Libreri, peress li dan kien suppost li ngħatalha meta telqet mix-xogħol u mhux f'aħħar tas-sena.

46.08.02 (SC) talab lil (SE), sabiex toħroġ 'l barra mill-uffiċċju, sabiex flimkien mal-membri preżenti jiddiskutu l-Performance Appraisal, tal-impjegati. Wara d-diskussjoni (SC) talab lil (SE), sabiex terġa' tingħaqad magħhom. Huwa informaha b'dawn ir-riżultati:

- L-iskivani kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 6%
- Deputat Segretarju Eżekuttiv, jingħata l-massimu ta' 10%
- Il-foreman jingħata s-somma ta' €450.00, bħas-snin ta' qabel
- Segretarju Eżekuttiv tingħata l-minimu ta' 5%

Fuq dan l-aspett (SE) qalet li filwaqt li tirrispetta d-deċiżjoni tal-Kunsill, ma ħassitx li dan l-aġġir huwa xieraq fil-pożizzjoni tagħha, b' mod speċjali li ma ngħatatx raġuni għal xix qed tingħata l-persentaġġ minimu, u ma tħossx li l-Kunsill kien ġust magħha. Madankollu (SC) wieġeb li ma jridx diskussjoni fuq dan, filwaqt li (JB) qal li jekk trid tilmenta, tista' tressaq l-ilment tagħha, fejn jidhrilha hi.

## 46.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

46.09.01 (SE) fakkret li l-iskrivan Michael Farrugia ser tgħalaqlu l-probation qabel mal-Kunsill jerġa' jiltaqa' għal seduta oħra. Għaldaqstant il-Kunsill irrid jieħu d-deċiżjoni tiegħu llum, jekk jixtieqx li dan l-iskrivan ikompli. Il-Kunsill qabel li dan l-iskrivan qiegħed iwettaq xogħol sodisfaċenti u għandu jibqa'

46.09.02 (SE) staqsiet lil (SC) jekk meliex il-formola tal-Performance Appraisal tad-Deputat Segretarju u tas-Segretarju Esekuttiv, u inkluż irrid ikun hemm ir-rimarki fuq il-performance. (SE) qalet li suppost il-Performance Appraisals kellhom issiru f'laqgħa one-to-one u jiġu diskussi. (SE) insistit li hi għandha tingħata r-raġunijiet għalfejn ingħatat in-nofs tal-performance bonus, meta fis-snin li għaddew, taħt Sindku ieħor, ħadet il-massimu, filwaqt li f' xogħolha baqgħet dejjem tagħmlu kif inhu xieraq. Però s-Sindku ma ried jagħti l-ebda spjegazzjoni.

## 46.10 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

46.10.01 (SC) qal li kien talab għall-pjanta ta' FM Ferretti. (SZ) ikkonferma li hu kien bagħata. (SC) ikkonferma l-emajl bil-pjanta li kien bagħat qabel (SZ).

46.10.02 (SC) informa li mill-ambitù ta' Public Transport rigward it-toroq li qed inqalgħu bħalissa, qed issir kuntatt dirett mal-MPT u TM minħabba r-road management ta' kif qed isiru. Hu qal li sa issa, qed jaħdmu b'mod li l-Public Transport ma jkunx affettwat.

46.10.03 (SZ) informa li fil-proċess tar-road humps, il-perita bagħtet updated BOQ's u pjanti. Qal ukoll li hemm xi klarifiki żgħar li għad trid tibgħathom. (SC) staqsa kif ser isir il-kuntatt mal-kuntrattur. (AC) qal li qabel il-kuntrattur jibda jaħdem, irid li jkollu l-BOQ's, tibgħathomlu s-segretarja b'mod uffiċjali u jirrispondi uffiċjalment jekk jaqbilx magħhom. (SC) staqsa jekk hemmx xi żmiem stabbilit. (AC) irrisponda li f'dan l-istadju, qed nistennew mingħand il-perita. (SC) avvża lil (AC) biex jitkellem mas-(SE) ħalli jintbagħtu l-BOQ's biex jibda l-proċess.

46.10.04 (AC) qal li kien qed jitkellem mal-MPT rigward iż-żewġ rotot tal-bus routes li kellhom jestendu f'Tal-Papa u l-Qajjenza. Irċieva link, iżda mingħajr data u ħin, u wara xi nofs siegħa bagħtulu għalfejn ma pparteċipax f' onlajn meeting. Issa ġie avvżat li għandhom jagħtuh data oħra.

46.10.05 (SZ) qal lil (SC) li bagħat email fuq il-lampi ta' Triq Ferdinand Stufflesser II, u li hemm problema fejn jitpoġġew dawn l-lampi tad-dawl. Mal-faċċati ma tistax minħabba li huma kollha cladding, il-bankina hija dejqa ħafna u hemm ħafna bibien tal-garaxxijiet u dħul għal appartamenti jmissu ma' xulxin. L-unika soluzzjoni li hemm hi, li jitpoġġew erba' arbli f'kull kantuniera u li b'hekk, xorta ma jkunx hemm biżżejjed dawl. (JB) issuġġerixxa biex tintbagħat ittra lir-residenti biex jaċċetaw li jitwaħħlulhom bozoz mal-faċċati.

*Il-kunsilliera Doriana Portelli, ingħaqdet fil-laqgħa, fis-sebgħa nieqes kwart.*

46.10.06 (SZ) tkellem dwar is-sistema tal-one-ways tal-Qajjenza. Hu informa li kien hemm numru ta' suġġerimenti li kienu validi ħafna, issues relatati ma' Triq FM Ferretti imma li m' għandhomx x'jaqsmu mas-sistema tal-one-ways, u kien hemm ukoll ilmenti fuq Triq il-Merżuq biex ma titħalliex two-way, imma din ma tistax issir. Għaldaqstant, ġie deċiż li Triq il-Merżuq tibqa' two-way. (SZ) semma wkoll li hemm konċessjoni għal public transport u li mhux ser jinħoloq danger hazards. (SC) staqsa biex jiġi ikkalkulat kemm -il tabella ħa jkun hemm bżonn. (AC) sostna li l-ewwel żewġ tabelli li għandhom jitwaħħlu huma fin-naħa ta' isfel ta' Triq id-Daqqaqa. (SZ) qal li l-bdil fis-sistema tal-one-way għanda l-ewwel tiġi diskussa ma' TM. (JBD) issuġġeriet li min għamel proposta li ma ġietx milqugħa, għanda tintbagħtlu ittra biex jiġi infurmat. (SZ) u (AC) għarfu li ma kienx hemm minn dawn.

46.10.07 (JBD) staqsiet lis-(SE) jekk kienx hemm risposta dwar l-emajl li intbgħatet lil Ministeru tas-Sostenibilità, rigward id-drenaġġ ta' Bengħisa. (SE) irrispondiet li għad ma kienx hemm risposta. (JBD) staqsiet lil (SC) jekk tistax issir laqgħa fuq din il-problema. (AC) qal lis-Sindku, li fit-tlieta u għoxrin ta' Novembru kien bagħat ittra biex Triq il-Kunċizjoni, minn Triq Għar Ħasan 'l isfel, issir bit-tarmak, u meta jibda' l-proġett biex isir resurfacing, jagħmlu d-drenaġġ. (SC) qal li l-problema hi, jekk hux ser jagħmlu resurfacing biss, jew inkella jsiru s-servizzi wkoll. (AC) qal li hemm xi drenaġġi li saru mill-privat, u (JBD) qalet lil (AC) biex jiċċekkja jekk sarx mill-privat u jaġġornaha. (SC) talab lil (AC) biex jibagħat reminder lil IM biex naraw meta ser issir it-triq. (JBD) insistiet li mhux sew li residenti fil-viċinanzi jkollhom aċċess għad-drenaġġ u dawn, le. (SC) ikkonkluda li ser jibagħat lil IM u jikkonferma jekk hux ser jagħmlu d-drenaġġ ukoll.

*Fis-sebgħa u kwart, il-kunsillier Carlo Stivala talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.*

46.10.08 (JBD) staqsiet dwar il-communial reserved parking ta' San Ġorġ. (SZ) irrisponda li għadu qed jistenna l-pjanti mingħand TM jew IM, għax finalment xorta rridu nibgħatu għall-approvazzjoni.

46.10.09 (SZ) tkellem dwar il-biċċa ta' isfel ta' Triq Żaren Dalli u li bdew jitwaħħlu l-ismijiet tat-toroq taċ-ċeramika.

46.10.10 (SZ) tkellem dwar Sqaq ta' Salvun tan-naħa ta' isfel ta' Triq tal-Ġebel. (SC) u (JF) irrispondew li f'dan is-sqaq, kien hemm problema, fejn kien hemm żewġ residenti li tlewmu bejniethom u talbu biex jitwaqqfu ix-xogħlijiet u d-dipartiment hekk għamel. (JBD) insistiet li f'dawn il-każijiet, il-kunsilliera kollha għadhom jiġu infurmati bl-eżidu ta x'ġara. (AC) sostna li jekk lis-sqaq huwa privat u ta' min hu jirrifjuta, ma tistax tobbligah.

## 46.11 Proġetti u skemi

46.11.01 (SZ) u (AC) staqsew dwar iż-żona ż-Żebbuġ. (SC) informa li ser issir b'concrete print, bis-siġar u d-dawl u tiġi bħal pjazzetta żgħira.

46.11.02 (AC) staqsa dwar x'ġara mit-tender tal-fanali ta' Bengħisa u Misraħ San Ġorġ Preca. (SC) informa li t-tender ta' decorative lightning ġiet solvuta, u li fadal u, kemm naraw il-mudell li jtina l-kuntrattur u nkunu nistgħu mmexxu.

46.11.03 (JF) fakkar li xi żewġ seduti preċidenti, kien ressaq il-punt li għandu jsir survey tal-volum kbir ta' traffiku li jgħaddi minn Birżebbuġa. (SC) informa, li (SE) għamlet kuntatt mal-awtoritajiet u l-ERA u qalu li mhux jipprovdu dan is-servizz u li qeda tistenna risposta min-naħa ta' TM. Hu talab lis-(SE) biex tibagħtilhom reminder. (JF) insista li hemm il-bżonn li għanda ssir bypass. (AC) qal li saru tant proġetti ta' toroq madwar Malta li kien hemm il-bżonn tagħhom u sar concrete max-xatt kollu ta' Birżebbuġa, mhux ser issir din il-bypass li hi ta' neċessità u li ilha tintalab dan iż-żmiem kollu. (JF) semma li fil-Floriana ser issir triq minn taħt Triq Sant Anna. (SC) iċċara li din hija biss idea, u għad ma hemm xejn ippjanat.

46.11.04 (SC) avvża li bagħat korrispondenza lil-kap tal-HR tal-Bank lokali, li minħabba nuqqas ta' ħaddiema, il-fergħa ta' Birżebbuġa tinsab magħluqa. Hu sostna wkoll li minħabba f'hekk qed ibagħtu ħaddiema, anzjani u negozji tal-lokal. (AC) issuġġerixxa lil wieħed mil-maniġers ta' dan l-istess Bank, li jekk hu veru li għandhom problema ta' ħaddiema li qegħdin bi kwarantina, il-fergħat miftuħin għandhom ikollhom roster ġimgħa, ġimgħa, fi rħula tal-madwar. (JBD) irrimarkat ukoll li qed ikun hemm sitwazzjonijiet spissi, fejn residenti, inkuż anzjani, li jmorru biex jiġbdu flus mil-ATM u ma jkunx fiha flus.

46.11.05 (JF) issuġġerixxa li s-sleeping policeman tal-lastiku, għandhom jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Kunsill. (SZ) irrimarka, li jekk issir hekk, ikun hemm problema fuq il-garanzija.

46.11.06 (AC) staqsa kif baqgħet il-kwistjoni tal-automatic barrier, fix-xatt. (SC) irrisponda li meta ċċekkja mal-ispettur, hu qallu li l-persuna għadha ma ġietx identifikata. Hu qallu, li min-naħa tagħna, għandna nressqu claim mal-insurance għax għandna condition report u rapport lil pulizija. (JB) emfasizza li għandna nibqgħu niġru wara l-pulizija biex din il-persuna li tidher ċara ħafna fil-filmat, tinqabad u tiġi mġelgħa tħallas tal-ħsara.

46.11.07 (JF) staqsa jekk hemmx qbil dwar id-diċċ ta' Wied il-Buni. (SC) staqsa jekk hemmx ritratt ta' dan id-diċċ. (JF) qal li (JB) provda ritratti ta' dan id-diċċ. (SC) issuġġerixxa li bir-ritratti, inkellmu lil perita tal-Kunsill biex inkunu nistgħu nissuġġerixxu l-emendi. (JF) qal li kif kien ippjanat, Triq San Filippu ħa tkun invażata b'ħafna exhaust tal-vetturi għad-detriment tar-residenti li hemm f'din it-triq u ser jonqos il-parkeġġ fi Triq San Patrizju. Hu staqsa jekk ġejniex provduti bi pjanti ta'dan il-proġett. (SC) flimkien ma (JB) ikkonfermaw li pjanti rċevejniehom. (AC) ikkonferma li l-parkeġġ ser jibqa' kif inhu. (SC) ser jinsisti li ssir il-laqgħa biex jiġi diskuss il-proġett propost ta' dan id-diċċ.

46.11.08 (SZ) informa fuq l-istadju li wasal fih il-proġett tal-pittura tal-Kappella tas-Sagra Familja, fejn avvża li l-pittura ġiet maqlugħa u qiegħda għand ir-restawratur. (SC) talab lil (SZ) biex jieħu ritratti waqt il-proċess tar-restawr.

46.11.09 (SZ) informa wkoll dwar il-kwotazzjoni l-oħra tar-restawr tal-għamara tal-Kappella tas-Sagra Familja, li taqbeż il-€5,000.00 imma mhux aktar minn €10,000,00, is-(SE) kellha tibagħat il-PO lil persuna li ser tkun qiegħda tassistina fil-proċess tal-procument, filwaqt li (SZ) ser ikun qiegħed jikkordina ma' din l-istess persuna.

46.11.10 (SZ) ta' informazzjoni dwar Ġnien il-Kunsill, fejn iltaqgħa mal-perita, u kellha ssir laqgħa oħra fejn ma ġiex il-kuntrattur. Hu qal ukoll li s-(SE) bagħtitlu għad-dokumentazzjoni u bagħtitlu reminder u għaddiet kważi ġimgħa, u ma sar xejn. (SE) semmiet li hi u (SZ) marru darbtejn mal-perita u rrimarkat li ma hemm l-ebda għeruq tas-siġar imbuzzati 'l barra. Madankollu, illum irċevit ritatt, fejn qed juri ċint li ħa jaqa' u li hu ta' periklu. Kemm (SC), kif ukoll (SE) informa lil foreman, sabiex jitlob lil ħaddiema, biex iżżarmaw il-ħajt u s-siġra tal-Yukka tiġi maqlugħa. (SC) staqsa lil (SE) biex tikkonferma, li jekk il-kuntrattur ma osservax l-obbligi tiegħu, għal fini ta' fondi, hemmx ksur ta' kuntratt. (SE) ikkonfermat dan. (SZ) talab għal opinjoni rigward jekk għandhomx jinqalgħu t-tliet żebbuġiet u jitħawlu aktar 'l isfel. (SC) kien tal-opinjoni li jekk jinqalgħu jsirilhom il-ħsara. (SE) infurmat li fit-tender hemm imniżżel li min ħa t-tender irrid ikollu arborista li jkun kwalifikat fuq dan ix-xogħol. (SC) issuġġerixxa li jmorru fil-post u tittieħed deċizjoni minn hemm.

*Fis-sebgħa u erbgħin minuta, il-kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.*

46.11.11 (JB) staqsa xi ħsieb hemm li ssir rigward is-sular ta' fuq tal-Kunsill Lokali. (SC) wieġeb li qiegħed fil-badġit ta' din is-sena u trid issir talba għal BOQ u jibda l-process. (SC) qal ukoll, li qabel jixtieq jeħles il-proġett tal-istreet humps.

46.11.12 (SZ) staqsa jekk ħarġux l-iskemi l-ġodda min-naħa tal GAL XLOKK. (SC) ikkonferma li għadna ma rċevejna xejn, imma ser nirċievuhom, dalwaqt.

46.11.13 (SC) informa li ser jagħmel follow-up tal-iskemi biex inkunu nafu fix wasalna ħalli nibdew nikkonkludu u semma wkoll li ntbgħatulu lista ta' skemi ġodda biex inkunu nistgħu napplikaw għalihom.

## 46.12 Indafa u ambjent

46.12.01 (SC) avvża li hu u l-perit kellhom laqgħa mal-kuntrattur tal-ġonna fuq in-nuqqasijiet kbar li kien hemm u d-default notices li nħarġu fl-aħħar ġimgħat. Ġie maqbul, li ssir skeda ta' kif il-kuntrattur għandu jaħdem u hu rrikonoxxa n-nuqqasijiet tiegħu. Ser tiġi pjanata skeda ta' x'għandu jsir mil-qasam ta' tħawwil ta' pjanti staġjonali, żbir u qtugħ.

46.12.02 (SC) qal li ġie avviċinat mil-FTZD, u li peress li resqin lejn is-sajf, ser jibdew il-proċess tal-maintenance tax-xatt, bħal tikħil, żebgħa,..... eċċ. (JB) semma s-sistema ta' 24 hours service tal-cleansing f'San Pawl Il-Baħar. (SC) qal li kien għamel talba għalija, imma ġie

infurmat mill-Ministru ta' dak iż-żmien, li kien taħt proġett pilota. (SC) qal li ser jerġa' jibagħtlu emajl biex iffakkru u jerġa' jressaq din it-talba.

46.12.03 (SZ) staqsa fix wasal il-proċess tal-bankijiet ta' material riċiklat. (SC) ikkonferma li nxtraw iż-żewġ bankijiet li kienu ordnati mingħand il-furnitur ta' qabel biex jitkompla is-sett ta' bankijiet ta' San Ġorġ u dawn waslu għandna u ser jeħħlu din il-ġimgħa. Hu informa wkoll li ġew ordnati tlettax- il bank ieħor, li huma skedati għal Dawret Il-Qalb Imqaddsa, mingħand furnitur differenti.

46.12.04 (JB) staqsa kif bqajna dwar is-soft flooring tal-playing field tax-xatt. (SC) qal li hu u s-(SE) kellhom laqgħa ma' tat-tenders, li tahom idea biex nitkellmu mad-dipartiment biex nitkellmu mal-perita għal submission ta' BOQ, sabiex nuruhom li dan hu każ ta' emerġenza u li ma nistgħux nistennew il-proċess ta' tender li jieħu fit-tul. Huwa żied li ser jitkejlu l-qisien tal-area ta' tliet playing fields biex nitolbu lid-dipartiment li ma nistgħux nistennew il-proċess ta' tender minħabba health and safety u li għandna bżonn approval għal direct order.

46.12.05 (SZ) staqsa għal possibiltà li jinħasel il-ħmieġ tal-ħamiem. (SC) irrisponda li din tista' ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill, issa li għandna l-power wash.

46.12.06 (SE) infurmat li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart bgħat kont ta' erba' extra collections u bagħat invoices fejn iċċarġjana l-ammont ta' €10,000.00. (SC) qal li kellem lil maniġer tal-kuntratti, biex jiċċekja fuq din il-kwistjoni.

46.12.07 (SZ) irrimarka dwar l-iskips tal-Marniżi li spiċċaw b'ħafna ħsarat. Hu staqsa jekk dawn kienux ġodda jew inkella second hand. (SC) qal li ma kienux ġodda u li diġà hemm kwotazzjonijiet għalihom. (SZ) issuġġerixxa li l-ġodda jingħalqu b'katnazz.

46.12.08 (JB) staqsa dwar is-CCTV tal-bring-in site ta' FM Feretti. (SC) wieġeb li l-proċess li ssir il-kamera beda u l-arblu diġà twaħħal u hemm konferma mill-GreenPak li ser titwaħħal il-kamera.

46.12.09 (JB) issuġġerixxa li l-kliem ta' fuq l-irħama ta' fejn l-Enemalta jiġi rrestawrat.

## 46.13 Attivitajiet

46.13.01 (JBD) issuġġerit li għandhom isiru attivitajiet lokali fi żmien ta' meta jinqata' ż-żebbuġ, u minflok jintrema', dan jintuża u forsi jingħata lil persuni fil-bżonn.

46.13.02 (JBD) staqsiet jekk hux possibbli li tinstab xi żona fejn ikun jista' jintrama trift market u tinżamm donazzjoni biex idaħħal xi ħaġa l-Kunsill u fl-istess ħin jinġib kummerċ lejn Birżebbuġa. (SZ) staqsa minn ser innaddaf wara li tispiċċa l-attività. (SC) qal li rridu naraw fejn ser tkun din iż-żona u kif ser tiġi mnnadfa u sorveljata. Hu staqsa biex ikun magħruf jekk hemmx interess min-naħa tan-nies.

## 46.14 Kultura, żgħażagħ u sport

46.14.01 (CS)* irrisponda il-mistoqsija li għamlet (DP) fis-seduta preċidenti rigward it-tennis court f'Bengħisa Park, u qal li hemm konferma li din il-ġimgħa ser issir kuntatt mal-Kunsill u s-Sindku biex jintaqa' mal-Ministeru tat-Turiżmu, Parks Malta u Transport Malta ħalli jaraw fejn ser issir dan it-tennis court. Hu qal li l-laqgħa kellha tkun għal għada imma sa issa għad ma hemmx korrespondenza. (SC) talab lil (CS) biex jikkomunika magħhom ħalli jiftehmu fuq data.

46.14.02 (DP) staqsiet fuq x'ser jiġri eżatt dwar it-tennis court li semma (CS). (SC) irrisponda li ser issir kuntatt mal-Kunsill biex ssir laqgħa. Is-Sindku wieġeb li għandha tiġi infurmata minnu meta, ser tkun ser issir il-laqgħa.

46.14.03 (JBD) staqsiet jekk hux ser issir xi attività tar-regatta. (SC) wieġeb li dan il-weekend ser issir attività ta' International Fair madwar l-Ewropa kollha u l-Kunsill mistieden il-Ħadd għal preżentazzjoni tal-Awards.

46.14.04 (JBD) semmiet li r-Reġjun qed jagħmel kalendarju kulturali u min-naħa tal-Kunsill intbagħtet emajl lil Għaqdiet ta' Birżebbuġa, biex min għandu pjanat xi attivitajiet javżana minn qabel ħalli nkunu nistgħu navżaw lir-Reġjun dwarhom.

**(CS) kien irrisponda, qabel ma kien telaq.*

## 46.15 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

46.15.01 (JBD) talbet li ssir tipo ta' mowbajl APP li tintuża' għal bulky refuse. (SC) wieġeb li għalissa ser tinżamm on-hold, minħabba li hemm fil-proċess is-sistema tal-online permits u ħa naraw kif ser tiżvolġi.

## 46.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.16.01 (SE) Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-tmienja u għaxra ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta (47) ser issir, nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Deċiżjoni tal-post, ttieħed skont kif tkun is-sitwazzjoni, f' dak iż-żmien.

**IFFIRMATA**

____________________________

Scott Camilleri
Sindku

**IFFIRMATA**

____________________________

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv